

Il-Vittmi tal-Abbuż ta' Sustanzi u l-Faqar

F'Malta hawn 'l fuq minn 1,000 persuna bi problemi tal-vizzju tad-droga li qed jirċievu xi forma ta' għajjnuna mingħand l-Aġenzija Sedqa. L-Aġenzija Sedqa hija aġenzija nazzjonali li tiġġieled kontra l-abbuż ta' sustanzi fosthom id-drogi u l-akoħol.

Hemm diskussjoni wiesa dwar kif tista tittaffa din il-problema u kif wieħed jista' jiġġieled dan il-vizzju tad-droga. Ix-xejriet juru kif hemm żieda fl-użu tad-droga kokaina u fl-ittraffikar tad-droga. Hemm ukoll żieda ta' każijiet ta' abbuż li jsir minn nisa.

Min ikollu problema tad-droga hu iktar vulnerabbli u jaf isib ruħu f'sitwazzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali. Vittma tas-sustanzi taf ikollha relazzjoni diffiċli man-nies ta' madwarha. Fl-istess ħin jaf tħossha mwarraba u b'hekk tkun nieqsa minn l-imħabba u s-support li jkollha bżonn biex tiġġieled il-problema tad-droga.

Il-vittmi tad-drogi jaf ikollhom problema jżommu l-post tax-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, ħafna jsibuha diffiċli biex jiddentifikaw il-prioritajiet tagħhom. Dan jaf iġib miegħu nuqqas ta' risponsabilita' fejn jidħol immaniġjar ta' flus.

Vittmi tal-abbuż jistgħu jiksibu bosta servizzi li jgħinu lilhom u lill-familjari tagħhom isibu l-għajjnuna u s-support li jeħtieġu biex jiġġieldu din il-problema tad-droga. L-Aġenzija Sedqa toffri servizz tal-*counselling* biex tgħin lill-vittmi jgħixu ħajja iktar b'saħħitha.

It-team joffri wkoll servizzi ta' assesjar, *harm reduction*, interventi f'każijiet ta' kriżi, *counselling* lill-membri tal-familja, assistenza fil-qrati, programmi ta' integrazzjoni fis-soċjeta u programmi ta' riabilitazzjoni f'bosta residenzi mmexxija minn Aġenzija Sedqa.

Hemm ukoll programmi li joffru għajjnuna medika u servizzi ta' psikjatra lill-dawk il-membri li qed jippruvaw jaqtgħu l-vizzju tad-droga. Sedqa toffri ukoll programmi tar-riabilitazzjoni f'ambjent ta' kommunita' u fi struttura li tgħin lill-min qed ibagħti minn problema tad-droga jiskopri kif jista' jadotta stil ta' ħajja 'l bogħod mid-droga u jintegra fis-soċjeta.

Wieħed jista' jsib ukoll programm imfassal apposta biex jgħin lill-dawk l-adolexxenti li jesperimentaw bl-użu tas-sustanzi. Iż-żgħażagħ jiġu mħeġġa biex jibnu fuq il-kapaċitajiet u t-talenti tagħhom biex b'hekk iżommu l-bogħod mill-użu tad-droga.

Il-Caritas ukoll toffri għajjnuna lill-persuni li għandhom problemi ta' abbuż ta' droga. Il-Caritas tilqa persuni li għandhom problemi serji relatati mad-droga u tipprovdi lhom riabilitazzjoni integrata u ħolistika. Permezz tal-programm *New Hope* (Fondazzjoni għal riabilitazzjoni ta' persuni li għandhom problemi ta' abbuż ta' droga), Caritas tipprovdi ċentri residenzjali differenti, fosthom San Blas limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u Outreach fil-Furjana.

Dawn huma ftit mill-miżuri li jistgħu jittieħdu biex tittafa l-problema tad-droga. Huwa importanti li bħala soċjeta inkomplu naħdmu biex naraw x'inhuma l-fatturi li jikkawżaw problemi tad-droga biex b'hekk ikunu jistgħu jiffasslu miżuri u jinħolqu strutturi li jkomplu jgħinu fil-ġlieda kontra d-droga.